Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 102/11**

il-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2011

Sentenza fil-Kawżi C-403/08 u C-429/08

Football Association Premier League *et* vs QC Leisure *et*

Karen Murphy vs Media Protection Services Ltd

# Sistema ta' liċenzjar għar-ritrażmizzjoni ta' logħob tal-futbol, li tagħti lix-xandara esklużività territorjali għal Stat Membru u li tibbrojbixxi lit-telespettaturi milli jaraw dawn it-trażmissjonjiet b'kard ta' dekodifikazzjoni fl-Istati Membri l-oħra, tmur kontra d-dritt tal-Unjoni

*Il-wiri tat-trażmissjonijiet tal-logħob tal-futbol li jinkludu xogħlijiet protetti f'kafeterija-ristorant jirrikjedi l-awtorizzazzjoni tal-awtur ta' dawn ix-xogħlijiet*

Il-Football Association Premier League ("FAPL") tamministra l-Premier League, il-kampjonat ewlieni tal-futbol professjonali fl-Ingilterra, u tikkummerċjalizza d-drittijiet ta' xandir televiżiv tal-logħob ta' dan il-kampjonat. Hija tagħti lix-xandara, permezz ta' proċedura ta' kompetizzjoni miftuħa, dritt esklużiv ta' xandir dirett ta' partiti tal-Premier League fuq bażi territorjali. Peress li l-bażi territorjali tikkorrispondi normalment għal Stat Membru wieħed, it-telespettaturi jistgħu jaraw biss il-partiti mxandra mix-xandara stabbiliti fl-Istat Membru fejn jirresjedu.

Sabiex din l-esklużività territorjali tkun protetta, u sabiex il-pubbliku jkun prekluż milli jirċievi trażmissjonijiet barra mill-Istat Membru kkonċernat, kull xandar jintrabat, fil-kuntratt ta' liċenzjar konkluż mal-FAPL, li jikkowdja s-sinjal bis-satellita tiegħu u jittrażmettih, hekk ikkowdjat, bis-satellita biss lill-abbonati tat-territorju mogħti lilu. Konsegwentement, il-kuntratt ta' liċenzjar jipprojbixxi lix-xandara milli jipprovdu kards ta' dekodifikazzjoni lill-persuni li jkunu jixtiequ jaraw it-trażmissjonijiet tagħhom barra mill-Istat Membru li għalih huma ngħataw il-liċenzja.

Il-kwistjonijiet li wasslu għal dawn il-kawżi jirrigwardaw tentattivi sabiex din l-esklużività tiġi evitata. Fil-fatt, ċerti kafeteriji-ristoranti bdew, fir-Renju Unit, jużaw kards ta' dekodifikazzjoni barranin, mogħtija minn xandar Grieg lill-abbonati residenti fil-Greċja, sabiex jaċċedu għal-logħob tal-Premier League. Huma jixtru kards u kaxxa ta' dekodifikazzjoni minn distributur bi prezzijiet vantaġġużi meta mqabbla ma' dawk mitluba minn Sky, il-proprjetarju tad-drittijiet ta' ritrażmissjoni fir-Renju Unit.

Peress li qieset li dawn l-attivitajiet jippreġudikaw l-eslużività tad-drittijiet ta' xandir televiżiv u l-valur ta' dawn id-drittijiet, il-FAPL ipprovat twaqqafhom permezz ta' proċeduri ġudizzjarji. L-ewwel kawża (C-403/08) tikkonċerna azzjoni ċivili tal-FAPL kontra l-kafeteriji-ristoranti li wrew logħob tal-Premier League bl-użu ta' kards ta' dekodifikazzjoni Griegi u kontra l-fornituri ta' dawn il-kards ta' dekodifikazzjoni, lil dawn il-kafeteriji-ristoranti. It-tieni kawża (C-429/08) toriġina minn proċedura kriminali kontra Karen Murphy, il-proprjetarja ta' pub li wriet partiti tal-Premier League bl-użu ta' kard ta' dekodifikazzjoni Griega. F'dawn iż-żewġ kawżi, il-High Court (Renju Unit) adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja b'diversi domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-importazzjoni, il-bejgħ jew l-użu ta' kards ta' dekodifikazzjoni barranin tmur kontra l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u ma tistax tiġi ġġustifikata** la fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u lanqas permezz tal-għan li tiġi inkoraġġita l-preżenza tal-pubbliku fl-istedjums tal-futbol.

Fir-rigward tal-possibbiltà li din ir-restrizzjoni tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-FAPL ma tistax tinvoka drittijiet tal-awtur fuq il-logħob tal-Premier League, peress li dan il-logħob sportiv ma jistax jitqies li huwa

kreazzjoni intellettwali tal-awtur stess u, għaldaqstant, bħala "xogħlijiet" fis-sens tad-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni.

Imbagħad, anki jekk jitqies li d-dritt nazzjonali jagħti protezzjoni paragunabbli għal-logħob sportiv – li jkun, bħala regola ġenerali, kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni – projbizzjoni tal-użu tal-kards ta' dekodifikazzjoni barranin tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata remunerazzjoni xierqa lill-proprjetarji tad-drittijiet ikkonċernati.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, minn naħa, li, għall-kalkolu ta' din ir-remunerazzjoni xierqa, huwa possibbli li tittieħed inkunsiderazzjoni l-udjenza attwali u dik potenzjali kemm fl-Istat Membru tat-trażmissjoni kif ukoll f'kull Stat Membru ieħor li fih it-trażmissjonijiet jiġu rċevuti u li għalhekk ma huwiex neċessarju li l-moviment liberu tas-servizzi fi ħdan l-Unjoni jiġi limitat. Min-naħa l-oħra, il-ħlas ta' ammont supplementari mill-kanali televiżivi sabiex ikollhom esklużività territorjali assoluta jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex il-proprjetarji jiġu żgurati remunerazzjoni xierqa, peress li din il-prattika tista' twassal għal differenzi artifiċjali fil-prezzijiet bejn is-swieq nazzjonali maqsuma f'kompartimenti. Issa, tali qsim u tali differenza artifiċjali fil-prezzijiet huma irrikonċiljabbli mal-għan essenzjali tat-Trattat, li huwa r-realizzazzjoni tas-suq intern.

Għal raġunijiet simili, **sistema ta' liċenzji esklużivi tmur ukoll kontra d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jekk il-kuntratti ta' liċenzjar jipprojbixxu li jiġu pprovduti kards ta' dekodifikazzjoni barranin lit-telespettaturi li jixtiequ jaraw it-trażmissjonijiet barra mill-Istat Membru li għalih tingħata l-liċenzja**.

Ċertament, id-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni ma jippreskludix, bħala regola ġenerali, li proprjetarju ta' dritt ikun jista' jagħti lil liċenzjat wieħed id-dritt esklużiv li jxandar bis-satellita, matul perijodu determinat, oġġett protett minn Stat Membru tat-trażmissjoni wieħed jew minn diversi Stati Membri tat-trażmissjoni. Madankollu, il-kuntratti ta' liċenzjar ma għandhomx jipprekludu lix-xandara minn kull provvista transkonfinali ta' servizzi marbuta mal-logħob sportiv ikkonċernat, peress li tali kuntratt jippermetti li kull xandar jingħata esklużività territorjali assoluta fiż-żona koperta mil-liċenzja tiegħu, jelimina għalhekk kull kompetizzjoni bejn id-diversi xandara fil-qasam ta' dawn is-servizzi u jaqsam b'dan il-mod is-swieq nazzjonali skont il-fruntieri nazzjonali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-domandi mressqa dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur[1] il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza b'mod preliminari li huma biss is-sekwenza vidjo tal-ftuħ, l-innu tal-Premier League, il-filmati rrekordjati minn qabel li juru l-aħajr mumenti tal-logħbiet reċenti tal-Premier League, kif ukoll ċerti xogħlijiet ta' grafika li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala "xogħlijiet" u huma għalhekk protetti mid-drittijiet tal-awtur. Min-naħa l-oħra, il-logħbiet infushom ma humiex xogħlijiet li jibbenefikaw minn tali protezzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **t-trażmissjoni f'kafeterija-ristorant ta' trażmissjonijiet li jinkludu dawn ix-xogħlijiet protetti, bħalma huma s-sekwenza vidjo tal-ftuħ jew l-innu tal-Premier League, jikkostitwixxu "komunikazzjoni lill-pubbliku"** fis-sens tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, **li għaliha hija neċessarja l-awtorizzazzjoni tal-awtur tax-xogħlijiet**. Fil-fatt, meta kafeterija-ristorant juri dawn ix-xogħlijiet lill-klijenti li jkunu jinsabu fil-post, ix-xogħlijiet jiġu trażmessi lil pubbliku supplementari li ma jkunx ittieħed inkunsiderazzjoni mill-awturi meta awtorizzaw ix-xandir tax-xogħlijiet tagħhom.

---

**NOTA**: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża li biha jkunu ġew aditi, li jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali li ssolvi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

---

[1] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230)

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Stampi tal-għoti tas-sentenza jinsabu fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*